Suppost issa taf li jiena

**Jake Cassar**

u qed nirrakkontalek dawn l-istejjer fuqi u fuq

ir-**Re Pankrazju**.

Jekk temmen dan kollu li rrakkontajtlek diġà,

allura ikteb ***VERU VERU*** fl-ispazju

t'hawn taħt:

..................................................................................................................................

U tinsiex taqrah WAĦDEK.

Bejnek u bejn il-ktieb

m'għandux ikun hemm il-kbar.



# Kapitlu 1

# Il-fjura tal-ħġieġ

Malli ġejna lura mingħand ir-Re Pankrazju, Mel ma waqfitx tħares lejn il-fjura tal-ħġieġ. Inkellimha u lanqas tweġibni. Kienet qisha qed tgħum fil-fwieħa li, biex ngħidlek il-verità kollha, lili bdiet iddejjaqni u tqabbadni l-għatis.

“Il-ħanina kemm tfuħ dik il-fjura,” kont ngħidilha.

“Hmmm!”

“Missek tarmiha daqskemm tfuħ!”

“Hmmm!”

“Daqt narmihielek!”

“...”

“Iddejjaqt inxomm din ir-riħa.”

"…"

"Allura ma tgħid xejn int Mel? Qed inkellmek taf?"

"Iva."

"Hekk mela weġibni. Għidtlek li l-fjura qed tfuħ wisq. Ara x'se tagħmel biha."

"Hmmm!"

"Il-mamà daqt tinduna u meta tinduna x'se tgħidilha?"

"Mhux affarik."

"Mhux affarik se tgħidilha?"

"…"

Oħti tirbaħ dejjem. Sew meta titkellem u sew meta ma titkellimx. U għidli ftit x'taqbad tagħmel meta tkun tellief? Jien, nintefa' naqra, l-iktar l-iktar nikteb storja.

Allura kienet waħda minn dawn il-ġranet li kellna ġlieda fuq il-fjura u oħti